MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Numru. 263/2009

**Il-Pulizija**
**(Supt Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Kurt Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Kurt Buttigieg ta' 27 sena iben Vincent u Vincenza nee' Galea, mwieled Pieta fid-9 ta' Ottubru 1981 u residenti 68 Triq il-Farfett, Marsa, ID 559081 (M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fid-19 ta' Ottubru 2008 u matul il-jiem ta' qabel din id-data:

(a) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi

tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat General ibis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Fis-seduta tas-16 ta’ Jannar 2012, il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Illi fis-seduta tat-30 ta’ Mejju 2012, il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza peress li mill-fedina penali aggornata jidher li r-reat li bih hu akkuzat l-imputat fil-proceduri odjerni gie kommess waqt li kienet operattiva sentenza sospiza u din is-sospensjoni qed ssir ai termini ta’ l-Artikolu 28D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza fl-ismijiet premessi datata 5 ta’ Dicembru 2007 moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta li giet esebita mill-prosekuzzjoni fl-istess seduta.

Rat l-Ordni taghha moghtija fl-istess seduta ai termini ta’ l-Artikolu 28D tal-Kapitolu 9 sabiex il-hati jidher fis-seduta tal-15 ta’ Gunju 2012 sabiex tigi trattata il-kwistjoni dwar is-sentenza sospiza msemmija.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-15 ta’ Gunju 2012 fuq il-kwistjoni tas-sentenza sospiza moghtija kontra l-imputat u dan ai termini ta’ l-Artikolu 28D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti u mill-ammissjoni tal-imputat stess, ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

Illi dwar il-piena ghal dan ir-reat, il-Qorti kkunsidrat li l-imputat kkopera mal-pulizija u li rregistra ammissjoni bikrija. Pero il-fedina penali tieghu mhix wahda felici u ghandu registrati tlettax-il kundanna li l-maggor parti taghhom relatati ma ksur ta’ ligijiet diversi dwar il-vetturi u l-opri tal-bahar – uhud minnhom ta’ natura serja.

Illi ai termini ta’ l-Artikolu 28D tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti trid wkoll tikkonsidra s-sentenza ta’ prigunerija sospiza moghtija kontra l-imputat. Il-konnotati relevanti ta’ l-imputat jaqblu ma dawk tas-sentenza datata 5 ta’ Dicembru 2007 fl-ismijiet premessi deciza minn din il-Qorti diversament preseduta – esebita bhala Dok NC2.

F’dik is-sentenza l-imputat gie kkundannat multa ta’ hames mitt Euro (€500) u piena karcerarja ta’ zmien sena sospiza ghal sentejn mid-data ta’ l-istess sentenza. Ir-reat li bih gie akkuzat l-imputat fil-proceduri odjerni u li ghalih rregistra ammissjoni – sehh fid-19 ta’ Ottubru 2008 u matul il-jiem ta’ qabel din id-data u ghalhekk ma hemmx dubbju li dan ir-reat sehh waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, u dan lanqas gie kkontestat mid-difiza.

Fit-trattazzjoni tieghu, l-abbli difensur ta’ l-imputat talab lill-Qorti testendi s-sentenza sospiza ghal perjodu iehor pero

din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghaliex ghandha taghmel dan, anke tenut kont tal-fedina penali ta' l-imputat fejn ghandu registrati tlettax(13)-il kundanna ghalkemm ghad ghandu 30 sena u li turi li l-imputat m'ghandux rispett lejn il-ligijiet tal-pajjiz.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt Euro (€500.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru 2012, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Tordna ulterjorment, ai termini ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Ligijiet ta' Malta li l-piena ta' prigunerija ta' sena sospiza ghal sentejn moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-5 ta' Dicembru 2007, tigi reza operattiva.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita taht id-direzzjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------